

Brussell, 31 ta' Ottubru 2025
(OR. en)

14338/25

COPS 523
EUMC 373
POLMIL 321
COAFR 280
PSC DEC 49
CFSP/PESC 1511
CSDP/PSDC 631
ATALANTA 40
RELEX 1332

ATTI LEĠIŻLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ dwar il-ħatra tal-Kmandant tal-Forza tal-UE għall-operazzjoni militari tal-Unjoni Ewropea bil-ħsieb ta' kontribut għas-sigurtà marittima fil-Punent tal-Oċean Indjan u fil-Baħar l-Aħmar (EUNAVFOR ATALANTA), u li tħassar id-Deċiżjoni (PESK) 2025/1173 (EUNAFVOR ATALANTA/3/2025)

DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ (PESK) 2025/...

ta' ...

**dwar il-ħatra tal-Kmandant tal-Forza tal-UE
għall-operazzjoni militari tal-Unjoni Ewropea bil-ħsieb
ta' kontribut għas-sigurtà marittima fil-Punent tal-Oċean Indjan u fil-Baħar l-Aħmar
(EUNAVFOR ATALANTA),
u li tħassar id-Deċiżjoni (PESK) 2025/1173
(EUNAFVOR ATALANTA/3/2025)**

IL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 38 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-Azzjoni Konġunta tal-Kunsill 2008/851/PESK tal-10 ta' Novembru 2008 dwar operazzjoni militari tal-Unjoni Ewropea bil-ħsieb ta' kontribut għas-sigurtà marittima fil-Punent tal-Oċean Indjan u fil-Baħar l-Aħmar (EUNAVFOR ATALANTA)¹, u b'mod partikolari l-Artikolu 6(1) tagħha,

¹ ĠU L 301, 12.11.2008, p. 33, ELI: http://data.europa.eu/eli/joint_action/2008/851/oj.

Billi:

- (1) Fl-10 ta' Novembru 2008, il-Kunsill adotta l-Azzjoni Konġunta 2008/851/PESK, li tipprevedi operazzjoni militari tal-Unjoni Ewropea bil-ħsieb ta' kontribut għas-sigurtà marittima fil-Punent tal-Oċean Indjan u fil-Baħar l-Aħmar (EUNAVFOR ATALANTA).
- (2) Skont l-Artikolu 6(1) tal-Azzjoni Konġunta 2008/851/PESK, il-Kunsill awtorizza lill-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà (KPS) sabiex jieħu deċiżjonijiet dwar il-ħatra tal-Kmandant tal-Forza tal-UE għal EUNAVFOR ATALANTA (il-"Kmandant tal-Forza tal-UE").
- (3) Fl-10 ta' Ġunju 2025, il-KPS adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2025/1173² li taħtar lill-Kontrammirall Francisco Javier VÁZQUEZ SANZ bħala Kmandant tal-Forza tal-UE.
- (4) Fl-14 ta' Ottubru 2025, l-awtoritajiet militari Portugiżi pproponew il-ħatra tal-Komodor João Pedro MONTEIRO DA SILVA biex jieħu post il-Kontrammirall Francisco Javier VÁZQUEZ SANZ bħala Kmandant tal-Forza tal-UE mis-7 ta' Novembru 2025 (il-“ħatra proposta”).
- (5) Fis-16 ta' Ottubru 2025, il-Kmandant tal-Operazzjoni tal-UE ta' EUNAVFOR ATALANTA appoġġa l-ħatra proposta.

² Id-Deċiżjoni tal-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà (PESK) 2025/1173 tal-10 ta' Ġunju 2025 dwar il-ħatra tal-Kmandant tal-Forza tal-UE għall-operazzjoni militari tal-Unjoni Ewropea bil-ħsieb ta' kontribut għas-sigurtà marittima fil-Punent tal-Oċean Indjan u fil-Baħar l-Aħmar (EUNAVFOR ATALANTA), u li tħassar id-Deċiżjoni (PESK) 2025/365 (EUNAVFOR ATALANTA/2/2025) (ĠU L, 2025/1173, 11.6.2025, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dec/2025/1173/oj>).

- (6) Fl-20 ta' Ottubru 2025, il-Kumitat Militari tal-UE appoġġa l-ħatra proposta u qabel li l-Komodor João Pedro MONTEIRO DA SILVA jinħatar bħala Kmandant tal-Forza tal-UE.
- (7) Jenħtieġ li tittieħed deċiżjoni dwar il-ħatra tal-Komodor João Pedro MONTEIRO DA SILVA bħala Kmandant tal-Forza tal-UE.
- (8) Għalhekk, jenħtieġ li d-Deċiżjoni (PESK) 2025/1173 titħassar,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-Komodor João Pedro MONTEIRO DA SILVA huwa maħtur Kmandant tal-Forza tal-UE għall-operazzjoni militari tal-Unjoni Ewropea bil-ħsieb ta' kontribut għas-sigurtà marittima fil-Punent tal-Oċean Indjan u fil-Baħar l-Aħmar (EUNAVFOR ATALANTA) mis-7 ta' Novembru 2025.

Artikolu 2

Id-Deċiżjoni (PESK) 2025/1173 hija b'dan imħassra.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fis-7 ta' Novembru 2025.

Magħmul fi ..., ...

Għall-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà

Il-President
